31988L0361

8.7.1988 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ L 178/5

# ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL

## ta' l-24 ta' Ġunju 1988

## għall-implimentazzjoni ta' l-Artikolu 67 tat-Trattat

(88/361/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u partikolarment l-Artikoli 69 u 70 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni, sottomessa wara konsultazzjoni mal-Kumitat Monetarju ([1]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([2]),

Billi l-Artikolu 8a tat-Trattat jistipula li s-suq intern għandu jkopri qasam mingħajr fruntieri nterni li fih l-moviment ħieles ta' kapital huwa assigurat, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet l-oħra tat-Trattat;

Billi l-Istati Membri għandhom ikunu kapaċi li jieħdu l-miżuri rekwiżiti biex jirregolaw il-likwidità bankarja; billi dawn il-miżuri għandhom ikunu ristretti għal dan l-iskop;

Billi l-Istati Membri għandhom, jekk ikun hemm bżonn, jieħdu miżuri biex jirrestrinġu, temporanjament u fil-qafas ta' proċeduri rilevanti tal-Komunità, movimenti ta' kapital *short-term* li, anke fejn mhemmx diverġenza apprezzabbli fil-fundamenti ekonomiċi, jistgħu serjament itellfu l-kondotta tal-politika tagħhom monetarja u tar-rata tal-kambju;

Billi, fl-interessi tat-trasparenza, huwa kunsiljabbli li jkun indikat l-iskop, skond l-arranġamenti stipulati f'din id-Direttiva, tal-miżuri transizzjonali addottati għall-benefiċċju tar-Renju ta' Spanja u tar-Repubblika Portugiża bl-Att ta' Adeżjoni tal-1985 fil-qasam ta' movimenti kapitali;

Billi r-Renju ta' Spanja u r-Repubblika Portugiża jistgħu, taħt it-termini ta' l-Artikoli 61 sa 66 u 222 sa 232 rispettivament tal-Att ta' Adeżjoni ta' l-1985, jipposponu il-liberalizzazzjoni ta' ċerti movimenti ta' kapital b'deroga mill-obbligazzjonijiet elenkati fl-Ewwel Direttiva tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 1960 għall-implimentazzjoni ta' l-Artikolu 67 tat-Trattat ([3]), kif l-aħħar emendat bid-Direttiva 86/566/KEE ([4]); billi d-Direttiva 86/566/KEE tipprovdi wkoll għal applikazzjoni ta' arranġamenti transizzjonali għall-benefiċċju ta' dawk iż-żewġ Stati Membri rigward l-obbligazzjonijiet tagħhom biex jilliberizzaw il-movimenti ta' kapital; billi huwa xieraq għal dawk iż-żewġ Stati Membri li jkunu f'pożizzjoni li jipposponu l-applikazzjoni tal-obbligazzjonijiet tal-liberalizzazzjoni ġodda li jirriżultaw minn din id-Direttiva;

Billi R-repubblika Ellenika u l-Irlanda huma ffaċċjati, għalkemm fi gradi differenti, b'sitwazzjonijiet ta' bilanċ tal-pagamenti diffiċli u b'livelli għolja ta' dejn barrani; billi il-liberalizzazzjoni immedjata u kompleta tal-movimenti ta' kapital minn dawn iż-żewġ Stati Membri tagħmilha iktar diffiċli għalihom biex ikomplu japplikaw il-miżuri li ħadu biex jameljoraw il-posizzjonijiet esterni tagħhom u biex jirrinforzaw il-kapaċità tas-sistemi finanzjarji tagħhom li jaddottaw għal-bżonnijiet ta' suq finanzjarju integrat fil-Komunità; billi huwa xieraq, skond l-Artikolu 8c tat-Trattat, li jagħti lil dawk iż-żewġ Stati Membri, fid-dawl taċ-ċirkostanzi speċifiċi tagħhom, iktar żmien biex jikkonformaw ma' l-obbligazzjonijiet li joħorġu minn din id-Direttiva;

Billi, ġaladarba l-liberalizzazzjoni sħiħa ta' movimenti ta' kapital tista' f'xi Stati Membri, u speċjalment f'oqsma ħdejn fruntieri, jikkontribwixxu għal diffikultajiet fis-suq għal residenzi sekondarji; billi leġislazzjoni nazzjonali eżistenti li tirregola dan ix-xiri m'għandhiex tkun affettwata bid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva;

Billi għandu jittieħed vantaġġ tal-perijodu addottat biex tinġieb fis-seħħ din id-Direttiva sabiex tippermetti lill-Kummissjoni li tissottometti proposti ddisinjati biex jeliminaw jew jirriduċu riskji ta' distorsjoni, evażjoni ta' taxxa u evitar ta' taxxa li jirriżultaw mid-diversità tas-sistemi nazzjonali għal tassazzjoni u li tippermetti lill-Kunsill sabiex jieħu pożizzjoni dwar tali proposti;

Billi skond l-Artikolu 70(1) tat-Trattat, il-Komunità għandha tagħmel mill-aħjar biex tikseb l-ogħla grad possibbli ta' liberalizzazzjoni fir-rigward tal-moviment ta' kapital bejn ir-residenti tagħha u dawk ta' terzi pajjiżi;

Billi movimenti ta' kapital fuq skala kbira u short-term għal jew minnterzi pajjiżi jista' jiddisturba serjament is-sitwazzjoni monetarja u finanzjarja ta' Istati Membri jew jikkawża stressijiet serji fis-swieq tal-kambju; billi tali żviluppi jistgħu jkunu ta' dannu għall-koeżjoni tas-Sistema Monetarja Ewropea, għal operazzjoni lixxa tas-suq intern u għall-kisba progressiva ta' unjoni ekonomika u monetarja; billi huwa għalhekk xieraq li jinħolqu l-kondizzjonijiet rekwiżiti għal azzjoni konċertata mill-Istati Membri kemm-il darba din tinħass meħtieġa;

Billi d-direttiva tieħu post id-Direttiva tal-Kunsill 72/156/KEE tal-21 ta' Marzu 1972 dwar ir-regolament taċ-ċirkolazzjoni ta' kapital internazzjonali u n-newtralizzazzjoni tal-effetti mhux desiderabbli tagħhom fuq il-likwidità domestika ([5]); billi d-Direttiva 72/156/KEE għandha għalhekk tkun irrevokata,

([1]) ĠU C 26, ta' l-1.2.1988, p. 1.
([2]) Opinjoni mogħtija fis-17 ta' Ġunju 1988 (għad mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
([3]) ĠU C 43, tat-12.7.1960, p. 921/60.
([4]) ĠU L 332, tas-26.11.1986, p. 22.
([5]) ĠU L 91, tat-18.4.1972, p. 13.

ADDOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

1. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet segwenti, l-Istati Membri għandhom jabolixxu restrizzjonijiet fuq il-movimenti ta' kapital li jseħħu bejn persuni residenti fi Stati Membri. Biex jiffaċilitaw l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva, movimenti ta' kapital għandhom jkunu kklassifikati skond in-Nomenklatura fl-Anness I.

2. Trasferimenti fir-rigward ta' movimenti ta' kapital għandhom isiru fuq il-kondizzjonijiet ta' l-istess rata ta' kambju bħal dawk li jirregolaw pagamenti relatanti għal transazzjonijiet kurrenti.

*Artikolu 2*

L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kumitat tal-Gvernaturi tal- Banek Ċentrali, lill-Kumitat Monetarju u lill-Kummissjoni, bid-data tad-dħul fis-seħħ tagħhom l-iktar tard, tal-miżuri biex jirregolaw il-likwidità tal-bank li għandhom impatt speċifiku fuq transazzjonijiet ta' kapital mwettqa minn istituzzjonijiet ta' kreditu ma' non-residenti.

Tali miżuri għandhom ikunu limitati għal dak li hu meħtieġ għall-iskopijiet ta' regolament monetarju domestiku. Il-Kumitat Monetarju u l-Kumitat tal-Gvernaturi tal-Banek Ċentrali għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni b'opinjonijiet dwar dan is-suġġett.

*Artikolu 3*

1. Fejn movimenti ta' kapital *short-term* ta' kobor eċċezzjonali jimponu piz sever fuq is-swieq tal-kambju barranin u jwasslu għal disturbi serji fil-kondotta tal-politika tar-rata monetarja u tal-kambju ta' Stat Membru, li qed tkun riflessa partikolarment f'varjazzjonijiet sustanzjali fil-likwidità domestika, il-Kummissjoni tista', wara konsultazzjoni mal-Kumitat Monetarju u mal-Kumitat tal-Gvernaturi tal-Banek Ċentrali, tawtorizza lil dak l-Istat Membru biex jieħu, fir-rigward tal-movimenti ta' kapital elenkati fl-Anness II, miżuri protettivi li l-kondizzjonijiet u d-dettalji tagħhom ikunu determinati mill-Kummissjoni.

2. L-Istat Membru konċernat jista' hu nnifsu jieħu l-miżuri protettivi li hemm riferenza għalihom hawn fuq, a bażi ta' urġenza, jekk dawn il-miżuri jkunu meħtieġa. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri l-oħra għandhom ikunu nfurmati b'tali miżuri l-iktar tard sad-data tad-dħul tagħhom fis-seħħ. Il-Kummissjoni, wara li tikkonsulta mal-Kumitat Monetarju u mal-Kumitat tal-Gvernaturi tal-Banek Ċentrali, tiddeċiedi jekk l-Istat Membru konċernat għandux ikompli japplika dawn il-miżuri jew jekk għandux jemendahom jew ineħħihom.

3. Id-deċiżjonijiet meħuda mill-Kummissjoni taħt il-paragrafi 1 u 2 jistgħu jkunu revokati jew emendati mill-Kunsill li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata.

4. Il-perijodu ta' l-applikazzjoni ta' miżuri protettivi meħuda in segwitu għal dan l-Artikolu ma għandux jaqbeż sitt xhur.

5. Qabel il-31 ta' Diċembru 1992, il-Kunsill għandu jeżamina, a bażi ta' rapport mill-Kummissjoni, wara li tingħata opinjoni mill-Kumitat Monetarju u mill-Kumitat tal-Gvernaturi tal-Banek Ċentrali, jekk id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu jibqgħux xierqa, rigward il-prinċipju u d-dettalji tagħhom, għall-bżonnijiet li huma kienu ntenzjonati li jissodisfaw.

*Artikolu 4*

Din id-Direttiva tkun mingħajr preċudizzju għad-dritt ta' l-Istati Membri li jieħdu l-miżuri kollha rekwiżiti biex jevitaw vjolazzjoni tal-liġijiet u r-regolamenti tagħhom, *inter alia* fil-qasam tat-tassazzjoni u superviżjoni prudenti tal-istituzzjonijiet finanzjarji, jew li jistabilixxu proċeduri għad-dikjarazzjoni ta' movimenti ta' kapital għal skopijiet ta' informazzjoni amministrattiva jew ta' l-istatistika.

L-applikazzjoni ta' dawn il-miżuri u proċeduri ma għandhiex ikollha l-effett li timpedixxi movimenti ta' kapital mwettqa skond il-liġi tal-Komunità.

*Artikolu 5*

Għar-Renju ta' Spanja u r-Repubbblika Portugiża, l-iskop, skond in-Nomenklatura ta' movimenti ta' kapital kontenuta fl-Anness I, tad-dispożizzjoni ta' l-Att ta' Adeżjoni tal-1985 fil-qasam ta' movimenti ta' kapital għandu jkun indikat fl-Anness III.

*Artikolu 6*

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva mhux iktar tard minn l-1 ta' Lulju 1990. Huma għandhom minnufih jinformaw b'dan lill-Kummissjoni. Huma għandhom ukoll jgħarrfu, l-iktar tard sad-data tad-dħul tagħhom fis-seħħ, kwalunkwe miżura ġdida jew kwalunkwe emenda magħmula lid-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-movimenti ta' kapital elenkati fl-Anness I.

2. Ir-Renju ta' Spanja u r-Repubbblika Portugiża, mingħajr preġudizzju għal dawn Iż-żewġ Stati Membri għall-Artikoli 61 sa 66 u 222 sa 232 ta' l-Att ta' Adeżjoni ta' l-1985, u r-Repubblika Ellenika u l-Irlanda jistgħu temporanjament ikomplu japplikaw restrizzjonijiet għall-movimenti ta' kapital elenkati fl-Anness IV, suġġetti għall-kondizzjonijiet u l-limiti ta' żmien stipulati f'dak l-Anness.

Jekk, qabel l-iskadenza tal-limitu ta' żmien iffissat għal-liberalizzazzjoni tal-movimenti ta' kapital li hemm riferenza għalihom fil-Listi III u IV ta' l-Anness IV, ir-Repubblika Portugiża jew ir-Repubblika Ellenika tikkonsidra li mhix kapaċi li tipproċedi bil-liberalizzazzjoni, partikularment minħabba diffikultajiet fir-rigward tal-bilanċ tal-pagamenti tagħha jew minħabba li s-sistema finanzjarja nazzjonali mhix suffiċjentement addattata, il-Kummissjoni, fuq talba ta' wieħed jew ieħor minn dawn l-Istati Membri, tista' b'kollaborazzjoni mal-Kumitat Monetarju, tirrevedi s-sitwazzjoni ekonomika u finanzjarja ta' l-Istat Membru konċernat. A bażi tal-esitu ta' din ir-reviżjoni, il-Kummissjoni tipproponi lill-Kunsill estensjoni tal-limitu ta' żmien iffissat għal-liberalizzazzjoni tal-movimenti ta' kapital kollha jew parti minnhom li hemm riferenza għalihom. Din l-erstensjoni ma tistax taqbeż tlett snin. Il-Kunsill għandu jaġixxi skond il-proċedura stipulati fl-Artikolu 69 tat-Trattat.

3. Ir-Renju tal-Belġju u l-Gran Dukat tal-Lussemburgu jistgħu temporanjament ikomplu joperaw is-suq tal-kambju doppju taħt il-kondizzjonijiet u għall-perijodi stipulati fl-Anness V.

4. Il-leġislazzjoni nazzjonali eżistenti li tirregola xiri ta' residenzi sekondarji tista' tkun sostenuta sakemm il-Kunsill jaddotta iktar dispożizzjonijiet f'dan il-qasam skond l-Artikolu 69 tat-Trattat. Din id-dispożizzjoni ma taffettwax l-applikabilità tad-dispożizzjonijiet l-oħra tal-liġi tal-Komunità.

5. Il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Kunsill, sal-31 ta' Diċembru 1988, proposti immirati sabiex jeliminaw jew inaqqsu riskji ta' distorsjoni, evażjoni ta' taxxa u evitar ta' taxxa marbuta mad-diversità tas-sistemi nazzjonali għat-tassazzjoni tat-tifdil u għall-ikkontrollar ta' l-applikazzjoni ta' dawn is-sistemi.

Il-Kunsill jieħu pożizzjoni fuq dawn il-proposti tal-Kummissjoni sat-30 ta' Ġunju 1989. Kwalunkwe dispożizzjonijiet ta' taxxa ta' natura Komunitarja għandhom, skond it-Trattat, ikunu addottati unanimament.

*Artikolu 7*

1. Fit-trattament tagħhom tat-trasferimenti fir-rigward ta' movimenti ta' kapital lejn jew minn terzi pajjiżi, l-Istati Membri għandhom jippruvaw jiksbu l-istess grad ta' liberalizzazzjoni bħal dik li tapplika għal operazzjonijiet ma' residenti ta' Stati Membri oħra, suġġetti għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' din id-Direttiva.

Id-dispożizzjonijiet tas-sotto-paragrafu preċedenti ma' għandux jippreġudika l-applikazzjoni għal terzi pajjiżi tar-regoli domestiċi jew liġi tal-Komunità, partikularment kwalunkwe kondizzjonijiet reċiproċi, fir-rigward ta' operazzjonijiet li jinvolvu stabbiliment, id-dispożizzjonijiet ta' servizzi finanzjarji u l-ammissjoni ta' assigurazzjonijiet ta' swieq ta' kapital.

2. Fejn movimenti *short-term* fuq skala kbira lejn jew minn terzi pajjiżi jiddisturbaw serjament is-sitwazzjoni monetarja jew finanzjarja domestika jew esterna ta' l-Istati Membri, jew ta' numru minnhom, jew jikkawżaw tensjonijiet serji f'relazzjonijiet ta' kambju fi ħdan il-Komunita jew bejn il-Komunita u terzi pajjiżi, l-Istati Membri għandhom jikkonsultaw ma' xulxin dwar kwalunkwe miżura li għandha tittieħed biex tirribatti tali diffikultajiet. Din il-konsultazzjoni għandha ssir fil-Kumitat tal-Gvernaturi tal-Banek Ċentrali u l-Kumitat Monetarju fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni jew ta' kwalunkwe Stat Membru.

*Artikolu 8*

Ta' l-inqas darba fis-sena il-Kumitat Monetarju għandu jeżamina s-sitwazzjoni fir-rigward tal-moviment ħieles ta' kapital kif jirriżulta mill-applikazzjoni ta' din id-Direttiva. L-eżami għandu jkopri miżuri rigward ir-regolament domestiku ta' kreditu u swieq finanzjarji u monetarji li jistgħu jkollhom impatt speċifiku fuq movimenti ta' kapital internazzjonali u fuq kull aspetti oħra ta' din id-Direttiva. Il-Kumitat għandu jirrapporta lill-Kummissjoni dwar l-esitu ta' dan l-eżami.

*Artikolu 9*

L-Ewwel Direttiva tal-11 ta' Mejju 1960 u d-Direttiva 72/156/KEE jitħassru b'effett mill-1 ta' Lulju 1990.

*Artikolu 10*

Din id-Direttiva hija ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fil-Lussemburgu, fl-24 ta' Ġunju 1988.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. BANGEMANN

*L-ANNESS I*

**NOMENKLATURA TAL-MOVIMENTI TA' KAPITAL LI HEMM RIFERENZA GĦALIHOM FL-ARTIKOLU 1 TAD-DIRETTIVA**

F'din in-Nomenklatura, movimenti ta' kapital huma kklassifikati skond in-natura ekonomika tal-beni u l-obbligi li huma jikkonċernaw, iddenominati jew f'munita nazzjonali jew f'kambju esteru.

Il-movimenti ta' kapital elenkati f'din in-Nomenklatura jiftiehmu li jkopru:

– l-operazzjonijiet kollha meħtieġa għall-iskopijiet ta' movimenti ta' kapital: konklużjoni u aġir tat-transazzjoni u trasferimenti relatati. It-transazzjoni ġeneralment hija bejn residenti ta' Stati Membri differenti għalkemm xi movimenti ta' kapital jitwettqu minn persuna waħda għall-akkont tiegħu stess (eż. trasferiment ta' beni li jappartjenu l-emigranti),

– operazzjonijiet imwettqa minn kwalunkwe persuna naturali jew legali ([1]), li tinkludi operazzjonijiet fir-rigward ta' beni jew obbligi ta' Stati Membri jew amministrazzjonijiet u aġenziji pubbliki oħra, suġġetti għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 68(3) tat-Trattat,

– aċċess għall-operatur ekonomiku għat-tekniki finanzjarji kollha disponibbli fis-suq avviċinat għall-iskop tat-twettiq ta' l-operazzjoni in kwestjoni. Per eżempju, il-kunċett ta' akkwist ta' assigurazzjonijiet u strumenti finanzjarji oħra jkopri mhux biss transazzjonijiet fuq il-post imma wkoll it-tekniki kollha traffikanti disponibbli: transazzjonijiet bil-quddiem, transazzjonijiet li jġorru għażla jew garanzija, bdil kontra beni oħra, eċċ. Bl-istess mod, il-kunċett ta' operazzjonijiet f'kontijiet kurrenti u depożiti ma' istituzzjonijiet finanzjarji, jinkludi mhux biss il-ftuħ u tqegħid ta' fondi fuq kontijiet imma anke transazzjonijiet ta' kambju esteru bil-quddiem, irrispettivament jekk dawn ikunux intenzjonati biex ikopru riskju ta' kambju jew biex jieħdu pożizzjoni ta' kambju esteru miftuħ,

– operazzjonijiet biex ikunu likwidati jew assenjati beni mibnija, ripatrijazzjoni tal-qligħ tal-likwidazzjoni tagħhom ([1]) jew użu immedjat ta' tali qligħ fil-limiti ta' l-obbligazzjonijiet tal-Komunità,

– operazzjonijiet biex jitħallsu krediti jew self.

Din in-Nomenklatura mhix lista eżawrijenti għan-nozzjoni ta' movimenti ta' kapital – minħabba f'hekk insibu titolu XIII – F. "Movimenti ta' kapital oħra – Mixellanji". Għalhekk m'għandhiex tkun interpretata li tirrestrinġi l-iskop tal-prinċipju ta' liberalizżazzjoni sħIħa ta movimenti ta' kapital kif hemm riferenza għalih fl-Artikolu 1 tad-Direttiva.

I – *INVESTIMENTI DIRETTI* ([1])

1. L-istabbiliment u l-estensjoni ta' frieghi jew impriżi ġodda li jappartjenu biss għall-persuna li tipprovdi l-kapital, u l-akkwist sħiħ ta' impriżi eżistenti.

2. Parteċipazzjoni f'impriża ġdida jew eżistenti bi skop li jkunu stabbiliti jew mantenuti rabtiet ekonomiċi dewwiema.

3. Self fit-tul bi skop li jkunu stabbiliti jew mantenuti rabtiet ekonomiċi dewwiema.

4. Ri-investiment ta' profitti bi skop li jmantnu rabtiet ekonomiċi dewwiema.

**A – Investimenti diretti fuq territorju nazzjonali minn non-residenti** ([1])

**B – Investimenti diretti barra l-pajjiz minn residenti** ([1])

II – INVESTIMENTI FIL-BINI (mhux inklużi taħt I) ([1])

**A – Investimenti fil-proprjetà immobiljari fuq territorju nazzjonali minn non-residenti**

**B – Investimenti fil-proprjetà immobiljari barra l-pajjiż minn residenti**

III – OPERAZZJONIJIET FL-ASSIGURAZZJONIJIET LI NORMALMENT INNEGOZJATI FUQ IS-SUQ TAL-KAPITAL (mhux inklużi taħt I, IV u V)

(a) *Ishma u assigurazzjonijiet oħra ta' natura parteċipattiva* ([1]).

(b) *Bonds* ([1]).

([1]) Ara n-Noti ta' Spjega t'hawn taħt.

**A – Transazzjonijiet fl-assigurazzjonijiet fis-suq tal-kapital**

1. Akkwist minn non-residenti ta' assigurazzjonijiet domestiċi negozjati fil-Borża ([1])
2. Akkwist minn residenti ta' assigurazzjonijiet barranin negozjati fil-Borża ([1])
3. Akkwist minn non-residenti ta' assigurazzjonijiet domestiċi mhux negozjati fil-Borża ([1])
4. Akkwist minn residenti ta' assigurazzjonijiet barranin mhux negozjati fil-Borża ([1])

**B – Ammissjoni ta' assigurazzjonijiet fis-suq tal-kapital** ([1])

(i) *Introduzzjoni fil-Borża* ([1])

(ii) *Ħruġ u impjazzament f'suq kapitali* (*).

1. Ammissjoni ta' assigurazzjonijiet domestiċi għal suq ta' kapital barrani.
2. Amministrazzjoni ta' assigurazzjonijiet barranin għas-suq ta' kapital domestiku.

IV – OPERAZZJONIJIET F'UNITAJIET TA' IMPRIŻI TA' INVESTIMENT KOLLETTIV ([1])

(a) Unitajiet ta' impriżi għall-investiment kollettiv f'assigurazzjonijiet normali negozjati fis-suq tal-kapital (ishma, ekwitajiet oħra u bonds).

(b) Unitajiet ta' impriżi ta' investiment kollettiv f'assigurazzjonijiet jew strumenti normalment negozjati fis-suq tal-flus.

(ċ) Unitajiet f'impriżi għal investiment kollettiv f'beni oħra.

**A – Transazzjonijiet f'unitajiet f'impriżi ta' investiment kollettiv**

1. Akkwist minn non-residenti ta' unitajiet ta' impriżi nazzjonali negozjati fil-Borża ([1])
2. Akkwist minn residenti ta' unitajiet ta' impriżi barranin negozjati fil-Borża ([1])
3. Akkwist minn non-residenti ta' unitajiet ta' impriżi nazzjonali mhux negozjati fil-Borża ([1])
4. Akkwist minn residenti ta' unitajiet ta' impriżi barranin mhux negozjati fil-Borża ([1])

**B – Amministrazzjoni ta' unitajiet ta' impriżi ta' investiment kollettiv għas-suq kapitali**

(i) *Introduzzjoni fil-Borża*

(ii) *Ħruġ u pjazzament f'suq kapitali (*).*

1. Amministrazzjoni ta' unitajiet ta' impriżi ta' investiment kollettiv nazzjonali għal suq kapitali barrani.
2. Ammssjoni ta' unitajiet ta' impriżi ta' investiment kollettiv barrani għas-suq tal-kapital domestiku.

V – V OPERAZZJONIJIET F'ASSIGURAZZJONIJIET U STRUMENTI OĦRA NORMALMENT NEGOZJATI FIS-SUQ TAL-FLUS ([1])

**A – Transazzjonijiet f'assigurazzjonijiet u strumenti oħra fis-suq tal-flus.**

1. Akkwist minn non-residenti ta' assigurazzjonijiet u strumenti tas-suq tal-flus domestiku
2. Akkwist minn residenti ta' assigurazzjonijiet u strumenti tas-suq tal-flus barrani.

**B – Ammissjoni ta' assigurazzjonijiet u strumenti oħra għas-suq tal-flus.Ammissjoni ta' assigurazzjonijiet u strumenti oħra għas-suq tal-flus.**

(i) *Introduzzjoni f'suq tal-flus magħruf (*)*

(ii) *Ħruġ u pjazzament f'suq tal-flus magħruf.*

1. Ammissjoni ta' assigurazzjonijiet u strumenti domestiċi għal suq ta' flus barrani.
2. Ammissjoni ta' assigurazzjonijiet u strumenti barranin għas-suq ta' flus domestiku.

---

([1]) Ara n-Noti ta' Spjega t'hawn taht.

VI – OPERAZZJONIJIET F'KONTIJIET KURRENTI U DEPOŻITI MA' STITUZZJONIJIET FINANZJARJI ([1])

**A – Operazzjonijiet mwettqa minn non-residenti ma' stituzzjonijiet finanzjarji domestiċi**

**B – Operazzjonijiet mwettqa minn residenti ma' stituzzjonijiet finanzjarji barranin**

VII – KREDITI RELATATI MA' TRANSAZZJONIJIET KUMMERĊJALI JEW GĦAL PROVIZJONI TA' SERVIZZI LI FIHOM QED JIPPARTEĊIPA RESIDENTI ([1])

1. Terminu qasir (inqas minn sena).

2. Terminu medju (minn sena sa ħames snin).

3. Terminu twil (ħames snin jew iktar)

**A – Krediti konċessi minn non-residenti lil residenti**

**B – Krediti konċessi minn residenti lil non-residenti**

VIII – SELF FINANZJARJU U KREDITI (mhux inklużi taħt I, VII u XI) ([1])

1. Terminu qasir (inqas minn sena).

2. Terminu medju (minn sena sa ħames snin).

3. Terminu twil (ħames snin jew iktar)

**A – Self u krediti konċessi minn non-residenti lil residenti**

**B – Self u krediti konċessi minn residenti lil non-residenti**

IX – ASSIGURAZZJONIJIET, GARANZIJI OĦRA U DRITTIJIET TA' PLEĠĠ

**A – Konċessi minn non-residenti lil residenti**

**B – Konċessi minn residenti lil non-residenti**

X – TRASFERIMENTI FIT-TĦADDIM TA' KUNTRATTI TA' ASSIGURAZZJONI

**A – Premiums u pagamenti fir-rigward ta' assigurazzjoni fuq il-ħajja**

1. Kuntratti konklużi bejn kumpaniji ta' assigurazzjoni ta' ħajja domestiċi u non-residenti.
2. Kuntratti konklużi bejn kumpaniji ta' assigurazzoni ta' ħajja barranini u residenti.

**B – Premiums u pagamenti fir-rigward ta' assigurazzjoni ta' kreditu**

1. Kuntratti konklużi bejn kumpaniji ta' assigurazzjoni ta' kreditu domestiċi u non-residenti.
2. Kuntratti konklużi bejn kumpaniji ta' assigurazzjoni ta' kreditu barranin u residenti.

**C – Trasferimenti oħra ta' kapital fir-rigward ta' kuntratti ta' assigurazzjoni**

XI – MOVIMENTI TA' KAPITAL PERSONALI

**A – Self**

**B – Rigali u iddotar**

**Ċ – Doti**

**D – Wirt u legati**

**E – Issetiljar ta' djun minn immigranti fil-pajjiż ta' residenza tagħhom ta' qabel**

**F – Trasferimenti ta' beni kostitwiti minn residenti, fil-każ ta' emigrazzjoni, fiż-żmien ta' l-istallazzjoni tagħhom inkella waqt il-permanenza tagħhom barra l-pajjiz**

**G – Trasferimenti, waqt il-permanenza tagħhom, ta' tifdil ta' immigranti lejn il-pajjiż tar-residenza tagħhom ta' qabel**

([1]) Ara n-Noti ta' Spjega t'hawn taħt.

XII – IMPORTAZZJONI U ESPORTAZZJONI FIŻIKA TA' BENI FINANZJARJI

**A – Assigurazzjonijiet**

**B – Mezzi ta' pagament ta' kull xorta**

XIII – MOVIMENTI TA' KAPITAL OĦRA

**A – Taxxi tal-mewt**

**B – Ħsarat (fejn dawn jistgħu jkunu kkunsidrati bħala kapital)**

**Ċ – Rifondi fil-każ ta' kanċellazzjoni ta' kuntratti u rifondi għal ħlasijiet mhux mistennija (fejn dawn jistgħu jkunu kkunsidrati bħala kapital)**

**D – Ħlasijiet ta' l-Awturi: brevetti, disinji, tikketti u nvenzjonijiet (nomini u trasferimenti li joħorġu minn tali nomini)**

**E – Trasferimenti ta' flejjes meħtieġa għaldproviżjoni ta' servizzi (mhux inklużi taħt VI)**

**F – Mixellanji**

NOTI TA'SPJEGA

Għall-iskopijiet ta' din in-Nomenklatura u d-Direttiva biss, l-espressjonijiet segwenti għandhom it-tifsirijiet assenjati lilhom rispettivament:

**Investimenti diretti**

Investimenti ta' kull xorta minn persuni naturali jew impriżi kummerċjali, industrijali jew finanzjarji, u li jservu biex jistabilixxu jew imantnu rabtiet dewwiema u diretti bejn persuna li tipprovdi l-kapital u l-intraprenditur li lilu jew l-impriża li lilha huwa disponibbli l-kapital sabiex twettaq attività ekonomika. Dan il-kuncett irid għalhekk ikun mifhum fl-iktar sens wiesgħa tiegħu.

L-impriżi msemmija taħt I-1 tan-Nomenklatura jiinkludu impriżi indipendenti legali (sussidjarji posseduti kompletament) u friegħi.

Rigward dawk l-impriżi msemmija f'I-2 tan-Nomenklatura li għandhom l-istatus ta' kumpaniji limitati b'ishma, hemm parteċipazzjoni fin-natura ta' investiment dirett fejn il-blokk ta' ishma miżmuma minn persuna naturali ta' impriża oħra jew kwalunkwe possessur ieħor jippermetti lill-possessur tal-ishma, jew in segwitu għad-dispożizzjonijiet tal-liġijiet nazzjonali li jirrelataw għal kumpaniji limitati b'ishma jew mod ieħor, biex jipparteċipaw effettivament fl-immaniġġjar tal-kumpanija jew fil-kontroll tagħha.

Self għal terminu twil ta' natura parteċipattiva, msemmi taħt I-3 tan-Nomenklatura, jfisser self għal perijodu ta' iktar minn ħames snin li jsir għall-iskop ta' stabbiliment jew manteniment ta' irbit ekonomiku dewwiem. L-eżempji ewlenin li jistgħu jkunu msemmija huma self konċess minn kumpanija lis-sussidjarji tagħha, jew lil kumpaniji li fihom għandha sehem u self marbut ma' ftehim ta' qsim ta'profitti. Self konċess minn istituzzjonijiet finanzjarji bl- iskop li jiġu stabbiliti u mantenuti rbit ekonomiku dewwiemi huma wkoll inklużi taħt dan it-titolu.

**Investimenti fi proprjetà immobiljari**

Xiri ta' bini u art u l-kostruzzjoni ta' bini minn persuni privati għall-qligħ jew għall-użu personali Din il-kategorija tinkludi wkoll drittijiet ta' użufrutt, sollievi u drittijiet tal-bini.

**Introduzzjoni f'borża jew f'suq tal-flus magħruf**

Aċċess – skond proċedura speċifika – għal assigurazzjonijiet u strumenti oħra negozjabbli għal trattamenti, kemm jekk ikkontrollati uffiċjalment jew le, f'borża magħrufa uffiċjalment j ew f'settur ta' suq tal-flus magħruf uffiċjalment.

**Assigurazzjonijiet negozjati f'borża (ikkwotati u mhumiex)**

Assigurazzjonijiet li fihom it-trattamenti huma kkontrollati minn regolamenti, li l-prezzijiet tagħhom huma ppubblikati regolarment, jew mill-boroż uffiċċjali (assigurazzjonijiet ikkwotati) jew minn korpi oħra marbuta ma borża – per. eż. kumitati ta' banek (assigurazzjonijiet mhux kwotati).

**Ħruġ ta' assigurazzjonijiet u strumenti negozjabbli oħra**

Bejgħ permezz ta' offerta lill-pubbliku.

**Pjazzament ta' assigurazzjonijiet u strumenti negozjabbli oħra**

Il-bejgħ dirett ta' assigurazzjonijiet minn min joħroġhom jew mill-konsorzju li min joħroġhom ta' struzzjonijiet biex ibiegħhom, mingħajr ma ssir offerta lill-pubbbliku.

**Assigurazzjonijiet domestiċi u barranin u strumenti oħra**

Assigurazzjonijiet skond il-pajjiż li fih min joħroġhom għandu l-post ewlieni tiegħu tan-negozju. Akkwist mir-residenti ta' assigurazzjonijiet domestiċi u strumenti oħra maħruġa fi klassifiki (?) ta' suq barrani bħala l-akkwist ta' assigurazzjonijiet barranin.

**Ishma u assigurazzjonijiet oħra ta' natura parteċipattiva**

Inklużi drittijiet biex tabbona f'ħarġiet ġodda ta' ishma.

**Bonds**

Assigurazzjonijiet negozjabbli b'maturita ta' sentejn jew iktar mill-ħruġ li r-rata ta' interess tagħhom u t-termini għar-rimborż tal-kapital u l-pagament ta'l-interessi huma determinati fiż-żmien tal-ħruġ.

**Impriżi ta'investiment kollettiv** (*Untertakings*)**:**

- li l-objettiv tagħhom huwa l-investiment kollettiv f'assigurazzjonijiet transferibbli jew beni oħra tal-kapital li jiġbru u li joperaw fuq il-prinċipju ta' frix ta' riskju, u
- l-unitajiet li tagħhom huma, fuq talba tal-possessuri, taħt kondizzjonijiet legali, kontrattwali jew statutorji li jirregolawhom, mixtrija mill-ġdid jew mifdija, direttament jew indirettament, mill-beni ta' dawk l-impriżi. Azzjoni meħuda minn impriża ta' investiment kollettiva biex tassigura li l-valur tal-unitajiet tagħha fil-borża ma tvarjax sinifikatament mill-valur tagħhom ta' beni netti għandha tkun meqjusa bħala ekwivalenti għal tali xiri mill-ġdid jew fidwa.

Tali impriżi jistgħu jiġu kostitwiti skond il-liġi jew taħt il-liġi tal-kuntratt (bħala fondi komuni immaniġġjati minn kumpaniji tal-immaniġġjar) jew il-liġi ta'fiduċja (bħala unitajiet ta' fiduċja) jew taħt statut (bħala kumpaniji ta' investiment).

Għall-iskopijiet tad-Direttiva, "fondi komuni" għandha tinkludi wkoll unitajiet ta' fiduċja.

**Assigurazzjonijiet u strumenti oħra normalment negozjati fis-suq tal-flus**

Kambjali tat-Teżor u kambjali oħra negozzjabbli, ċertifikati ta' depożitu, aċċettazzjonijiet bankarji, karta kummerċjali u strumenti oħra simili.

**Krediti relatati ma' transazzjonijiet kummerċjali jew ma-forniment ta' servizzi**

Krediti ta' kummerċ kontrattwali (avanzi jew pagamenti bin-nifs fir-rigward ta' xogħol li qed jitwettaq jew ordnat u termini ta' pagament estiżi, kemm jekk jinvolvu jew ma jinvolvux sottoskrizzjoni għal kont kummerċjali) u l-iffinanzjar tagħhom bi krediti pprovduti minn istituzzjonijiet ta' kreditu. Din il-kategorija tinkludi wkoll operazzjonijiet fattorjali.

**Self finanzjarju u krediti**

Iffinanzjar ta' kull xorta konċess minn istituzzjonijiet finanzjarji, inkluż iffinanzjar relatat ma' transazzjonijiet kummerċjali jew mad-dispożizzjoni ta' servizzi li fihom ebda resident m'hu jipparteċipa.

Din il-kategorija tinkludi wkoll ipotetiku ta' self, kreditu tal-konsumatur u kiri finanzjarju, kif ukoll faċilitajiet ta' għajnuna u faċilitajiet ta' ħruġ ta' noti oħri.

**Residenti jew non-residenti**

Persuni naturali u legali skond id-definizzjonijiet stipulati fir-regoli tal-kontroll tal-kambju fis-seħħ f'kull Stat Membru.

**Qligħ ta' likwidità (ta' investimenti, assigurazzjonijiet, eċċ.)**

Qligħ minn bejgħ inkluż kwalunkwe apprezzament ta' kapital, ammonti ta' rimborż, qligħ mill-eżekuzzjoni ta' sentenzi, eċċ.

**Persuni naturali u legali**

Kif definit bir-regoli nazzjonali.

**Istituzzjonijiet finanzjarji**

Banek, banek tat-tifdil u istituzzjonijiet li jispeċjalizzaw fid-dispożizzjoni ta' kreditu ta' terminu qasir, terminu medju u terminu fit-tul, u kumpanji ta' l-assigurazzjoni, soċjetajiet tal-bini, kumpaniji ta' investiment u istituzzjonijiet oħra ta' karattru simili.

**Istituzzjonijiet ta' kreditu**

Banek, banek tat-tifdil u stituzzjonijiet li jispeċjalizzaw fid-dispożizzjoni ta' kreditu ta' terminu qasir, terminu medju u terminu fit-tul.

*L-ANNESS II*

**LISTA T'OPERAZZJONIJIET LI HEMM RIFERENZA GĦALIHOM FL-ARTIKOLU 3 TAD-DIRETTIVA**

| Natura ta l-operazzjoni | Titolu |
|---|---|
| Operazzjonijiet f'assigurazzjonijiet u strumenti oħra normalment amministrati fis-suq tal-flus | V |
| Operazzjonijiet f'konti kurrenti u depożiti ma'istituzzjonijiet finanzjarji | VI |
| Operazzjonijiet f'unitajiet t'impriżi ta' investiment kollettiv | IV-A u B(ċ) |
| – impriżi għal investiment f'assigurazzjonijiet jew strumenti normalment amministrati fis-suq tal-flus | |
| Self u krediti finanzjarji | VIII-A u B-1 |
| – Terminu qasir | |
| Movimenti ta' kapital personali | XI-A |
| – self | |
| Importazzjoni u esportazzjoni ta' beni finanzjarji | XII |
| – assigurazzjonijiet normalment amministrati fis-suq tal-flus | |
| – mezzi ta' ħlas | |
| Movimenti ta' kapital ieħor: Mixellanja | XIII-F |
| – operazzjonijiet ta' terminu qasir simili għal dawk elenkati hawn fuq | |

Ir-restrizzjonijiet li l-Istati Membri jistgħu japplikaw għall-movimenti ta' kapital elenkati hawn fuq jridu jkunu definiti u applikati b'tali mod li jikkawżaw l-inqas tfixkil possibbli għall-moviment ħieles ta' persuni, oġġetti u servizzi

*ANNESS III*

## RIFERUT FL-ARTIKOLU 5 TAD-DIRETTIVA

### Skop tad-dispizzjonijiet tal-Att ta' Adeżjoni tal-1985 relatati ma' movimenti ta' kapital skond in-nomenklatura tal-movimenti ta' movimenti ta' kapital stipulati fl-Anness I tad-Direttiva

| Artikoli ta' l-Att ta' Adeżjoni (dati ta' l-għeluq tad-dispizzjonijiet transizzjonali) | Natura ta' l-operazzjoni | Titolu |
|---|---|---|
| | (a) **Disposizzjonijiet rigward ir-Renju ta' Spanja** | |
| L-Artikolu 62 (31. 12. 1990) | Investiment diretti barra minn residenti | I-B |
| L-Artikolu 63 (31.12.1990) | Investiment barra fil-proprjetà immobiljari minn residenti | II-B |
| L-Artikolu 64 31.12.1988 | Operazzjonijiet f' assigurazzjonijiet normalment amministrati fis-suq tal-kapital | |
| | – Akkwist minn residenti ta' assigurazzjonijiet barranin negozjati f'Borża | III-A-2 |
| | – Eskluzi bonds maħruġa f'suq barrani u denominati fil-munità nazzjonali | |
| | Operazzjonijiet f'unitajiet ta' impriżi ta' investiment kollettiv | |
| | – Akkwist mir-residenti t'unitajiet t'impriżi t'investiment kollettiv negozjati f'Borża | IV-A-2 |
| | – Esklużi unitajiet ta' impriżi li jieħdu forma ta' fondi komuni | |
| | (b) **Disposizzjonijiet rigward ir-Repubblika Portugiża** | |
| L-Artikolu 222 (31.12.1989) | Investiment diretti fit-territorju nazzjonali minn non-residenti | I-A |
| L-Artikolu 224 (31.12.1992) | Investimenti diretti barra minn residenti | I-B |
| L-Artikli 225 u 226 (31.12.1990) | Investimenti f'proprjetà immobiljari fit-territorju nazzjonali minn non-residenti | II-A |
| L-Artikolu 227 (31.12.1992) | Investimenti f'proprjetà immobiljari barra minn residenti | II-B |
| L-Artikolu 228 (31.12.1990) | Movimenti ta' kapital personali | |
| | (i) għall-iskop ta' l-applikazzjoni ta' ammonti ogħla speċifikati fl-Artikolu 228(2): | |
| | – doti | XI-Ċ |
| | – wirt u legati | XI-D |
| | – trasferimenti ta'beni mfaddla minn residenti fil-każ ta' emigrazzjoni fiż-żmien ta' l-istallazzjoni tagħhom jew waqt il-perijodu ta' permanenza tagħhom barra | XI-F |
| | (ii) għall-iskop ta' l-applikazzjoni ta' ammonti iktar baxxi speċifikati fl-Artikolu 228 (2) | |
| | – rigali u għotjiet | XI-B |
| | – ħlas ta' djun minn immigranti fil-pajjiż tagħhom ta' residenza ta' qabel | XI-E |
| | – Trasferimenti ta' tifdil ta' immigranti lejn il-pajjiż tagħhom ta' qabel waqt il-perijodu ta' permanenza tagħhom | XI-G |

| Artikoli ta' l-Att ta' Adeżjoni (dati ta' l-gheluq tad-dispizzjonijiet transizzjonali) | Natura ta' l-operazzjoni | Titolu |
|---|---|---|
| | (b) **Disposizzjonijiet rigward ir-Repubblika Portugiża** | |
| L-Artikolu 229 (31. 12. 1990) | Operazzjonijiet f'assigurazzjonijiet normalment negozjati fis-suq tal-kapital | |
| | – Akkwist minn residenti ta' assigurazzjonijiet barranin negozjati f'Borża | III-A-2 |
| | – eskluzi bonds maħruġa f'suq barrani u denominati fil-munità nazzjonali | |
| | Operazzjonijiet f'unitajiet ta' impriżi ta' investiment kollettiv | |
| | – Akkwist minn residenti ta' unitajiet ta'impriżi ta' investiment kollettiv negozjati f'Borża | IV-A-2 |
| | – eskluzi unitajiet ta' impriżi li jieħdu l-forma ta' fondi komuni | |

*ANNESS IV*

**RIFERUT FL-ARTIKOLU 6 (2) TAD-DIRETTIVA**

I. Ir-Repubblika Portugiża tista' tkompli tapplika jew tintroduċi mill-ġdid, sal-31 ta' Diċembru 1990 restrizzjonijiet eżistenti fidd-data tan-notifika tad-Direttiva dwar movimenti ta' kapital mogħtija fil-Lista I hawn taħt:

**LISTA I**

| Natura ta' l-operazzjoni | Titolu |
|---|---|
| Operazzjonijiet f'unitajiet ta' impriżi ta' investiment kollettiv | |
| – Akkwist minn residenti ta' unitajiet ta' impriżi t'investiment kollettiv barrani negozjati f'Borża impriżi suġġetti għad-Direttiva 85/611/KEE ([1]) u li jieħdu l-forma ta' fondi komuni | IV-A-2(a) |
| – Akkwist minn residenti ta' unitajiet ta' impriżi ta' investiment kollettiv mhux negozjati f'Borża | Iv-A-4(a) |
| – impriżi suġġetti għad-Direttiva 85/611/KEE ([1]) | |

([1]) Id-Direttiva tal-Kunsill 85/611/KEE dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u disposizzjonijiet amministrattivi relatati ma' impriżi għal investiment kollettiv f'assigurazzjonijiet trasferibbli (UCITS) (ĠU Nru L 375, 31.12.1985, p. 3).

II. Ir-Renju ta' Spanja u r-Repubblika Portugiża jistgħu jkomplu japplikaw jew jintroduċu mill-ġdid, sal-31 ta' Diċembru 1990 u l-31 ta' Diċembru 1992 rispettivament, restrizzjonijiet eżistenti fid-data tan-notifika tad-Direttiva dwar movimenti ta' kapital mogħtija fil-Lista II hawn taħt:

**LISTA II**

| Natura ta' l-operazzjoni | Titolu |
|---|---|
| Operazzjonijiet f'assigurazzjonijiet normalment negozjati f'suq tal-kapital | |
| – Akkwist minn residenti ta' assigurazzjonijiet barranin negozjati f'Borża | III-A-2 |
| – bonds maħruġa f'suq barrani u denominati f'munità nazzjonali | |
| – Akkwist minn residenti (non-residenti) ta' assigurazzjonijiet barranin (domestiċi) mhux | III-A-3 u 4 |
| – Ammissjoni ta' assigurazzjonijiet fis-suq tal-kapital | III-B-1 u 2 |
| – fejn ikunu negozjai fuq jew fil-proċess ta' introduzzjoni f'Borża fi Stat Membru | |
| Operazzjonijiet f'unitajiet ta' impriżi ta' investiment kollettiv | |
| – Akkwist minn residenti ta' unitajiet ta' impriżi ta' investiment kollettiv barrani negozjati f'Borża | IV-A-2 |
| – impriżi mhux suġġetti għad-Direttiva 85/611/KEE ([1]) u li jieħdu forma ta' fondi komuni | |
| – Akkwist minn residenti (non-residenti) ta' unitajiet ta' impriżi ta' investiment kollettiv barrani (domestiku) mhux negozjati f'Borża | IV-A-3 u 4 |
| – impriżi mhux suġġetti għad-Direttiva 85/611/KEE ([1]) u li l-oġġett uniku tagħhom huwa li jakkwistaw beni li ġew liberalizzati | |
| – Ammissjoni fis-suq tal-kapital ta' unitajiet ta' impriżi ta' investiment kollettiv | IV-B-1 u 2 (a) |
| – impriżi suġġetti għad-Direttiva 85/611/KEE ([1]) | |
| – Krediti relatati ma' transazzjonijiet kummerċjali jew għall-proviżjoni ta' servizzi li fihom jipparteċipa resident | VII-A u B-3 |
| – Krediti ta' terminu twil | |

([1]) Ara in-nota isfel fil-Lista 1

III. Ir-Repubblika Ellenika, ir-Renju ta' Spanja, l-Irlanda u r-Repubblika Portugiża jistgħu, sal-31 ta' Diċembru 1992, ikomplu japplikaw jew jintroduċu mill-ġdid restrizzjonijiet eżistenti fid-data tan-notifika tad-Direttiva dwar movimenti ta' kapital mogħtija fil-Lista III hawn taħt:

**LISTA III**

| Natura ta' l-operazzjoni | Titolu |
|---|---|
| Operazzjonijiet f'assigurazzjonijiet negozjati fis-suq tal-kapital | |
| – Ammissjoni ta' assigurazzjonijiet fis-suq tal-kapital | II-B-1 u 2 |
| – fejn mhumiex negozjati fi jew fil-proċess ta' introduzzjoni f'Borża fi Stat Membru | |
| Operazzjonijiet f'unitajiet ta' impriżi ta' investiment kollettiv | |
| – Ammissjoni għal suq tal-kapital ta' unitajiet ta'impriżi ta'investiment kollettiv | IV-B-1 u 2 |
| – impriżi mhux suġġetti għad-Direttiva 85/611/KEE (1) u li l-oġġett uniku tagħhom huwa l-akkwist ta' beni li ġew liberalizzati | |
| Self u Krediti finanzjarji | VIII-A, B-2 u 3 |
| – terminu medju u terminu twil | |

(1) Ara in-nota isfel fil-Lista 1

IV. Ir-Repubblika Eellenika, ir-Renju ta' Spanja, l-Irlanda u r-Repubblika Portugiża jistgħu, sal-31 ta' Diċembru 1992, jipposponu l-liberalizzazzjoni tal-movimenti ta' kapital mogħtija fil-Lista IV hawn taħt:

**LISTA IV**

| Natura ta' l-Operazzjoni | Titolu |
|---|---|
| Operazzjoni f'assigurazzjonijiet u strumenti oħra normalment negozjati fis-suq tal-flus | V |
| Operazzjonijiet f'kontijiet kurrenti u depożiti ma' istituzzjonijiet finanzjarji | VI |
| Operazzjonijiet f'unitajiet ta' impriżi ta' investiment kollettiv | IV-A u B (c) |
| – impriżi għal investiment f'assigurazzjonijiet jew strumenti normalment negozjati fis-suq tal-flus | |
| Self u krediti finanzjarji | VIII-A u B-1 |
| – terminu qasir | |
| Movimenti ta' kapital personali | XI-A |
| – self | |
| Importazzjoni u esportazzjoni fiżika ta' beni finanzjarji | XII |
| – assigurazzjonijiet normalment negozjati fis-suq tal-flus | |
| – mezzi ta' ħlas | |
| Movimenti oħra ta' kapital; Mixellanja | XIII-F |

*ANNESS V*

Billi s-sistema tas-suq tal-kambju doppju, kif operata fir-Renju tal-Belġju u l-Gran Dukat tal-Lussemburgu, ma kellhiex l-effett li tirrestrinġi movimenti ta' kapital imma madankollu tikkostitwixxi anomalija fl-EMS (SME ?) u għalhekk għandha titneħħa fl-interessi ta' l-implimentazzjoni effettiva tad-Direttiva u bl-iskop li ssaħħaħ is-Sistema Monetarja Ewropea, dawn iż-żewġ Stati Membri jaċċettaw li jneħħuha sal-31 ta' Diċembru 1992. Huma wkoll jaċċettaw li jamministraw is-sistema, saż-żmien li fih tkun imneħħija, a bażi ta' proċeduri li jkomplu jassiguraw id-*de facto* moviment ħieles tal-kapital b'tali kondizzjonijiet li r-rati tal-kambju renjanti fuq iż-żewġ swieq ma juru ebda differenzi apprezzabbli u dejjiema.